**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru 2016

Rikors numru : 191/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax (12) t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), liema zwieg taghhom jinsab registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta b'Att taz-Zwieg numru elf tmien mija, seba' u disghin tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1897/1985), hawn anness u mmarkat bhala DOK A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, it-tnejn maggorenni.

3. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti

sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali;

4. Illi is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, datat tnax (12) t’ April tas-sena elfejn u hamsa (2005), hawn anness u mmarkat bhala DOK B.

5. Illi ma hemmx manteniment dovut li huwa pendenti.

6. Illi l-partijiet għexu mhux flimkien għal perjodu ta’ aktar minn erba’ snin.

7. Illi ma hemmx possibilita' li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw;

8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tnax (12) t’Ottubru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985), jigi mahlul u dikjarat bhal xolt;

b) Tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;

c) Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha opportun u xieraq;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jinforma lill-Qorti li jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta’ dina il-Qorti, b’dana li l-esponenti ma ghandux jinkorri ebda spejjez ta’ dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Lulju 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' April 2005;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.